MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 315/2011

**AB**

**vs**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil CB b'digriet tal-Qorti tat-12 ta' Jannar 2012**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1.Illi l-partijiet izzewgu civilment fl-14 ta' Lulju 2007, hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A' ;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda Diana Cauchi;

3. Illi l-kunsens tal-intimata inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, u ta’ elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg ;

4. Illi l-kunsens tal-intimata ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza, ghamlitha impossibbbli ghall-istess intimata li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ;

5. Illi ghalhekk z-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi ;

6. Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati ;

Talab ghar-ragunijiet hawn premessi li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fl- 14 ta’ Lulju 2007, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta b’mod generali, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li in forza taghha ppremettew:

Illi l-partijiet mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw li jipprezentaw risposta motivata f'stadju ulterjuri;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-attur;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet tal-14 ta' Lulju 2007 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

Ir-rikorrenti jghid li zzewweg lill-intimata nhar l-14 ta' Lulju 2007 gewwa l-Ukraina. Permezz tal-affidavit tieghu jghid li kienet l-intimata li riedet tizzewweg akkost ta' kollox. Ir-rikorrent jghid ukoll li ezatt wara z-zwieg induna li kienet dahket bih ghaliex izzewgitu mhux ghax verament habbitu imma ghal ragunijiet purament legali. Jghid li kien ihobbha u li kien bahnan pero' jammetti li meta kienet tinsisti fuq iz-zwieg, dak iz-zmien ma kienx jiddejjaq ghax kien jaraha tfajla sabiha. Malli zzewgu, specjalment meta harget tqila bit-tifla, l-intimata nbidlet mill-lejl ghan-nhar. Jghid li lanqas issaportiet tirrecta ftit sabiex ghall-anqas turih li zzewgitu ghaliex kienet thobbu.

Ir-rikorrent jghid ukoll li t-tarbija u cioe' l-minuri binthom giet fid-dinja fuq insistenza tal-intimata. Fil-fatt tali minuri twieldet ezatt wara disa' xhur zwieg. Jghid li skopra li l-intimata kienet izzewgitu biss ghal ragunijiet purament

legali u finanzjarji u li qatt ma kellha l-intenzjoni li tghix mieghu. Dan sar meta l-istess intimata ammettiet li kienet izzewgitu ghal stabbilita' finanzjarja u li qatt ma kienet thobbu. Iz-zmien tal-konvivenza taghhom ma kienx wiehed felici ghaliex l-intimata kienet turih li lanqas il-presenza tieghu ma kienet tiflah. Relazzjonijiet intimi kienu rari filwaqt li kien jispicca jsajjar hu. Fil-fatt kienet issiefer hafna bl-iskuza li trid tmur tara lill-familja taghha, bir-rizultat li kienet tispicca tqatta' aktar hin barra minn Malta milli hawn. Baqa' jittama li l-intimata ser tinbidel ghaliex kien ihobbha u ried familja imma dan baqa' qatt ma sehh. Fix-xiehda tieghu *viva-voce*[1] jghid li hu u l-intimata zzewgu biss wara ftit xhur li kienu jafu lil xulxin. Skopra wkoll li minn wara dahru stess, kienet qabdet u rregistrat lill-minuri gewwa l-Ukraina bhala cittadina Ukraina. L-istess rikorrent izid jghid li l-intimata tant ma felhitx tghix gidba li qabdet u harbet bit-tifla taghha u hallietu wahdu hawn Malta ghalkemm jghid li l-intimata qaltlu li jiddispjaciha ghas-sitwazzjoni imma stqarret mieghu li ma kienitx thobbu.

Jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li l-intimata dahket bih ghax wara z-zwieg skopra li kienet mara differenti. Qabel iz-zwieg kienet izzieghel bih u turih li ghandha interess u ghalhekk iddecieda li jizzewwigha ghax bejn kien migbud lejha u fl-istess hin kien jithassarha ghax kienet fqira.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-Qorti tirrileva li mic-certifikat taz-zwieg prezentat in atti[2], l-unika prova li ngabet quddiem din il-Qorti hija x-xiehda tar-rikorrent. Ma giet esebita ebda prova ohra u ghaldaqstant, din il-Qorti trid necessarjament tevalwa din ix-xiehda u tara jekk gewx pruvati l-elementi necessarji ghal dikjarazzjoni ta' nullita' jew le.

L-attur jghid li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg bl-ghaggla u fuq insistenza tal-intimata. Jghid ukoll li kien fuq insistenza tal-istess intimata li kellhom it-tifla.

---

[1] Ara a fol 31 tal-process
[2] Ara a fol 4 tal-process

**<u>Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta’ xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi ippruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

“***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***”***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph** “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-***

***difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, partikolarment il-fatt li r-rikorrent jghid li kien jaraha bhala mara sabiha u kienet toghgbu[3], il-Qorti thoss li fil-mument propizju, r-rikorrent jidher li bbaza d-decizjoni tieghu ghaz-zwieg fuq l-aspett fiziku tal-intimata kif ukoll minhabba l-faqar li kienet issemmilu. Dawn l-elementi zgur li m'humiex ragunijiet bizzejjed biex wiehed jiddeciedi li jiehu pass daqshekk importanti u ghalhekk, il-Qorti thoss li r-rikorrent ma kellux id-diskrezzjoni necessarja sabiex jasal ghal decizjoni valida. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax anke fuq il-fatt li r-rikorrent accetta li jizzewweg meta l-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin ftit wisq u ceda ghall-pressjoni li kienet qieghda taghmel l-istess intimata sabiex jizzewgu.

**<u>Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi

[3] Ara x-xhieda tieghu *viva-voce* a fol 31 tal-process

necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Jirrizulta li l-intimata dahlet ghal dan iz-zwieg purament 'ghal ragunijiet purament legali' (fi kliem l-istess rikorrent) tant li hu jsostni li l-intimata ammettiet dan mieghu wara li telqet mid-dar. Il-Qorti tirrileva li mix-xiehda prodotta, ma hemm ebda dubju dwar ir-raguni li wasslet lill-intimata sabiex tidhol ghaz-zwieg odjern. L-intenzjoni taghha kienet wahda u cioe' li takkwista d-dritt ta' hajja ahjar, ta' hajja finanzjarjament komda u ta' hajja li permezz taghha setghet tibqa' zzur lill-familjari taghha meta trid u kif trid filwaqt li tghix hajja gidba mar-rikorrent zewgha.

Il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[4] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mix-xiehda tar-rikorrent (li bl-ebda mod m'hija kontradetta u konsegwentement il-Qorti m'ghandha ebda raguni ghala ma temmnux) jidher car li fil-mument tal-kunsens l-intimata riedet biss takkwista hajja komda hawn Malta ma' ragel li seta' jipprovdilha b'mod finanzjarju u mhux li tifforma xi forma ta' futur mieghu.

[4] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi abbazi tal-Artikoli 19(1)(d) u l-Artikolu (1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet, b'dan li l-ispejjez relatati mal-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu provizorjament mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------